

Suġġett

Talba għall-annullament tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 917/2011, tat-12 ta' Settembru 2011, li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 238, p. 1).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ir-rikorrenti għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbatl l-ispejjeż tagħha.
- 4) Cerame-Unie AISBL, Asociación Española de Fabricantes de Azulejos y Pavimentos Cerámicos (ASCER), Confindustria Ceramica, Casalgrande Padana SpA u Etruria Design Srl għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

(¹) ĠU C 32, 04.02.2012.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Mejju 2014 – Mocová vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-347/12 P) (¹)

(“Appell — Servizz pubbliku — Membri tal-persunal temporanju — Kuntratt għal żmien determinat — Deċiżjoni ta’ nuqqas ta’ tiġdid — Ċaħda tal-ilment — Obbligu ta’ motivazzjoni — Motiv mogħti fid-deċiżjoni dwar iċ-ċaħda tal-ilment”)

(2014/C 212/31)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: Dana Mocová (Praga, ir-Repubblika Ċeka) (rappreżentanti: D. de Abreu Caldas, S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis u E. Marchal, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u D. Martin, aġenti)

Suġġett

Appell kontra s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tielet Awla), tat-13 ta' Ġunju 2012, Mocová vs Il-Kummissjoni (F-41/11, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), u intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) D. Mocová għandha tbatl l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk tal-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest ta' din l-istanza.

(¹) ĠU C 86, 23.3.2013.